**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D., Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru 427/2014**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Josric Mifsud)**

**Vs.**

**Michael Delia**

Illum il-21 ta' Dicembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Michael Delia, 42 sena, bin Carmelo u Grace nee' Cumbo, imwieled Pieta', nhar il-10 ta' Ottubru, 1971, resident fil-fond numru indirizz il-Gardina, Has-Saptan, Limiti ta' Hal-Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita 448071M.

Li giet akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer xi zmien minn nhar it-12 ta Ottubru, 2012, u tlett xhur ta qabel din id-data;

1. ikkommetta serq ta' Melita Sim Card bin-numru 35677424759, minn gewwa l-fond ***Solar Soltuions Ltd***, triq in-Naxxar, Gharghur, liema serq huwa ikkwalifikat bil-persuna, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Solar Solutions Ltd,

2. u aktar talli fil-periodu tat-tnax ta' Ottubru, 2012, u tlett xhur ta qabel din id-data ikkometta serq ta' flus fl-ammont ta' €794.48 billi permezz tal-Melita Sim Card bin-numru 35677424759 ghamel diversi telefonati, u konnessjonijet mal-Internet, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, persuna, lok u valur, ghad-detriment ta' ***Solar Solutions Ltd,***

3. u aktar talli fl-istess cirkustanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' €794.48 bi hsara ta' ***Solar Solutions Ltd,***

4. u aktar talli bi hsara ta' haddiehor, ghamel xi qligh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli 308 tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta` Malta,

5. u aktar talli gewwa dawn il-Gzejjer xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dawn

sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom,

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali li sar fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2015, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[2]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[3]

Rat li fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2019 l-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif inhi ppreseduta milli terga tisma lix-xhieda kollha prodotti minn din il-Qorti kif kienet diversament ippreseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta. [4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex provi ohra xi tressaq nhar is-17 ta' Ottubru 2018.[5]

---

[1] Folio 15 ta' l-atti processwali
[2] Folio 33-36 ta' l-atti processwali
[3] Folio 262-264 ta' l-atti processwali
[4] Folio 271 ta' l-atti processwali
[5] Folio 244 ta' l-atti processwali

Rat illi d-Difiza ddikjarat illi lanqas hi ma kellha provi xi tressaq nhar is-26 ta' Mejju 2021.[6]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, kif ukoll ix-xhieda ta' l-imputat li nghatat b'mod volontarju u wara li fliet l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jitrattaw fl-udjenza tas-16 ta' Settembru 2021.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar it-12 ta' Ottubru 2012 u tlett xhur qabel din id-data meta gie rapportat lill-pulizija minn wiehed mid-Diretturi tal-kumpanija Solar Solutions Ltd li xi mobajl u sim cards tal-kumpanija kienu qeghdin jintuzaw mhux ghal l-iskop taghhom u li kienu inhargu minn gol-mahzen minghajr permezz u gharfien taghhom u gew misruqa bil-konsegwenza li ggeneraw kont kbir f'isem il-kumpannija.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2016 xehed **l-Ispettur Josric Mifsud,** stazzjonat fl-Ghassa ta' Bormla, li spjega li fit-12 ta' Ottubru 2012 kien dahal rapport mill-

[6] Folio 338 ta' l-atti processwali

kumpanija Solar Solutions illi kienu ircevew kont minghand is-*service provider* taghhom Melita li lahhaq vicin €800 bejn telefonati, SMS u kommunikazzjoni varji. Wara li qam suspett, irrizulta lill-kumpanija li s-*SIM card* in kwistjoni kienet misruqa. Ix-xhud spjega li WPS 100 Lorraine Mifsud kienet ippruvat taghmel kuntatt man-numru in kwistjoni, 77424759, u eventwalment qabdet ma persuna li rrizulta li kien l-imputat Michael Delia. Minkejja li dan kien gie mitlub diversi drabi sabiex jirrikorri l-Ghassa izda baqa' qatt ma deher. Meta gie rintraccjat, gie mitkellem mix-xhud u wara li rrifjuta li jikkonsulta ma avukat, ta stqarrija li tinsab ezebita a Fol. 8 et seq. In succinct, l-imputat kien qal li sab is-*SIM card* mormija gewwa z-zibel, gabarha u beda jutilizzaha. Ix-xhud iccara li ghalkemm ir-rapport maghmul minn Solar Solutions kien jikkoncerna serq kemm ta' *mobile phone* kif ukoll *SIM card*, ghand l-imputat instabet biss *SIM card* u l-kwistjoni tal-*mobile* phone ma gietx segwita aktar. Iccara ukoll li mill-gharfien tieghu, l-imputat ma kienx impjegat ma Solar Solutions imma gieli wasslilhom xi xoghol minhabba li huwa burdnar.

Fl-istess seduta xehed **Jesmond Farrugia**, direttur ta' Solar Solutions Limited. Spjega li fis-sena 2012, kien gie infurmat mid-dipartiment tal-*accounts* tal-kumpannija li kien hemm *mobile* partikolari minn tal-kumpannija li kien qed itella' kontijiet mhux tas-soltu. Il-*mobile* in kwistjoni kellu n-numru 77424759 u wara li saret investigazzjoni interna, irrizulta li l-*mobile* ma kienx qieghed fil-pussess tal-kumpanija u ghalhekk sar rapport tal-Pulizija. In kwantu tal-kontijiet, spjega li normalment, linja simili ttella' cirka €30 fix-xahar imma f'dan il-kaz, kien gie regisrat konsum ta' €411.26. Bhala sfond, spjega li l-kumpanija ghandha bejn 15 u 20 linja tal-Melita li jintuzaw mill-haddiema taghha li jahdmu fuq barra u ghalkemm generalment, numru partikolari jkun abbinat ma impjegat partikolari, gieli jigri li l-istess *mobile* jintuza minn aktar minn persuna wahda. Spjega li minn exercizzju li sar, x'aktarx li s-*SIM card* in

kwistjoni qatt ma kienet intuzat fuq *mobile* qabel minhabba li kienet inxtrat gdida ghall-alarm tal-mahzen izda baqghet qatt ma ntuzat.

Ix-xhud gie riprodott fis-seduta tas-6 t'April 2016 fejn zied li s-*SIM card* in kwistjoni kienet qieghda fil-mahzen tal-kumpanija. Ghal dan il-mahzen ghandhom access id-diretturi u xi mpjegati u biex tidhol trid ic-cavetta kif ukoll il-kodici tal-alarm. Ikkonferma li kien hemm zewg *SIM card*s, fosthom dik in kwistjoni, li kienu inxtraw bl-intiza li jintuzaw ghall-alarm izda baqghu ma ntuzawx u skont l-gharfien tax-xhud, kienu qieghdin fuq xkaffa vicin tal-bieb tal-mahzen. Spjega li gieli jkun hemm burdnara li jkunu fil-mahzen meta jhottu x-xoghol izda dawn ikunu akkumpanjati minn ufficjal tal-kumpanija u hemm ukoll il-kameras. Meta saret tfittxija ghaliha, is-*SIM card* in kwistjoni ma nstabitx fil-mahzen.
Ix-xhud giet prodott ghat-tielet darba fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2016 fejn huwa ezebixxa rapport tal-ispejjez konnessi mas-*SIM card* in kwistjoni, fejn gie rilevat li dawn ilahhqu ghal €1,012.65.

Ix-xhud gie riprodott fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2020, fejn spjega li huwa wiehed mit-tlett azzjonisti tal-kumpanija Solar Solutions. Skont hu, is-*SIM card* in kwistjoni kienet zgur inxtrat qabel is-sena 2012. Kien f'Gunju 2013 li s-sezzjoni tal-*accounts* kienet gibditlu l-attenzjoni dwar il-kontijiet gholjin tal-Melita. Mistoqsi jekk kienx jaf lill-imputat, ix-xhud irrimarka li kien hemm xi darba li kien wassal xi merkanzija gewwa l-mahzen.

Il-kontro-ezami tax-xhud mid-difiza sar fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2020. Huwa stqarr li sa fejn jaf hu, is-*SIM card* in kwistjoni qatt ma kienet intuzat qabel minhabba li kienet *stand-by* minhabba s-sistema tal-alarm. Rigward min attwalment xtara s-*SIM card*, spjega li filwaqt li huwa kien id-direttur li kien responsabbli mit-telekomunikazzjoni tal-kumpanija, il-kumpanija kienet

tinnegozja direttament mal-Melita u allura mhux kaz li inxtrat minnu minghand xi hanut. Il-kaz in kwistjoni kien deher stramb minhabba li f'dak iz-zmien, id-diretturi biss kienu permessi l-*internet* fuq il-*mobile* tax-xoghol. Filwaqt li rega' kkonferma li jaf li l-imputat kien gab xi xoghol fil-mahzen tal-kumpanija, spjega li x'aktarx huwa kien gie bhala *delivery courier* u dan minhabba li ghax-xoghol mill-portijiet, jinkarigaw burdnar iehor. Ma setax jiftakar x'kien l-oggett li wassal l-imputat fil-mahzen.

Fis-seduta tas-6 t'April 2016 xehdet **WPS 100 Lorraine Mifsud**, stazzjonata fl-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex, li spjegat li fit-12 ta' Ottubru 2012 irceviet rapport minn David Zammit ghan-nom tal-kumpanija Solar Solutions. Zammit kien stqarr li kien gie infurmat mill-Melita li kien hemm numru partikolari tal-kumpanija li tella' konsum kbir fuq *mobile internet*. Dan kien stramb minhabba li l-kumpanija ma tuzax *mobile internet*. Minn investigazzjoni interna li ghamlet il-kumpanija, irrizulta li ghalkemm il-*mobile* in kwistjoni suppost kien jinsab fil-mahzen tal-kumpanija fil-Gharghur, dan ma nstabx u allura qam suspett li jew il-*mobile phone* jew inkella s-*SIM card* kienu insterqu. Zammit ipprovda *itemized bill* li gie anness mar-rapport. Minn naha taghha, ix-xhud cemplet xi numri li kienu jidhru fil-kont u l-persuna koncernati, Wayne Cassar, Mary Grace Attard Delia u Louis Pulis ikkonfermaw li n-numru kien ta' certu Michael Delia. Ghalkemm kienu saru diversi tentattivi sabiex jinqabad Delia, dan qatt ma kien jirrispondi u eventwalment kien gie arrestat fuq il-Katamaran ta' Sqallija. Delia kien stqarr li sab is-*SIM card* il-Maghtab u mbaghad kien remiha xi mkien lejn Hal Ghaxaq.

Fl-istess seduta xehed **PS 836 Joseph Vella**, stazzjonat fit-Taqsima Forensika, li stqarr li nhar l-20 t'Ottubru 2021, flimkien ma PC 473 kien akkumpanja lill-imputat fil-post indikat minnu fejn kienet instabet *SIM card* mitluqa fil-haxix. Din kienet giet elevata u mqieghda f'*envelope*.

Fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2016 giet prodotta **Mary Grace Attard Delia**, li ghazlet li ma tixhidx minhabba li l-imputat huwa huha.

Ix-xhud **Louis Puli**s xehed fir-residenza tieghu nhar l-24 ta' Settembru 2016 minhabba l-kondizzjoni ta' sahhtu. Pulis stqarr li lill-imputat jafu minhabba li gieli mar mieghu Catania, Sqallija, sabiex isuqu u qatt ma kellu problem mieghu. Ikkonferma li kienu kellmuh il-Pulizija dwar xi telefonati allegatament maghmula lilu mill-imputat u kien stqarr li iva, gieli kien cempillu l-imputat, li kien maghruf mieghu bil-laqam "il-minfuh".

Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2019 xehed **l-imputat Michael Delia**. Huwa stqarr li kien mar jghid habib tieghu jismu Wayne Cassar sabiex ibattlu skip li kien qieghed mikri ghand il-Melita fl-Imriehel. Mill-iskip kienet waghet borza li kien fiha xi sticky notes. L-imputat zamm din il-borza gol-vann sabiex jaghti l-karti lit-tfal. Gara li fil-borza kien hemm zewg *SIM card*s godda ghadhom fil-plastik. Huwa s-*SIM card*s id-dar u wahda minnhom intuzat mit-tfal tieghu fl-*internet key*. Ma setax jiftakar ezatt dan meta kien in kwantu ta' zmien minhabba li skont hu, kien ilu hafna. L-imputat innega fl-akbar forza illi huwa qatt zar il-mahzen ta' Solar Solutions u stqarr li huwa ma kienx jaf ta' min kienet is-*SIM card* u kien biss wara hafna zmien li sar jaf li kienet ta' Solar Solutions. Spjega kif kien gie avvivinat mill-Pulizija fuq il-katamaran, fejn kienet saret tfittxija fil-karozza tieghu. Huwa ikkoopera mal-Pulizija u qalilhom li kellu *SIM card* ohra li kien irmiha hdejn ic-Cimiterju tal-Addollorata, u fil-fatt hemm instabet. In kontro-ezami, l-imputat innega li kien ircieva telefonati minghand il-Pulizija sabiex imur l-Ghassa u spjega li jekk dawn fittxuh fizikalment, kienu qed imorru f'indirizz hazin. Innega li huwa kien iddecieda li jarmi s-*SIM card* minhabba li kienet giet ibblukkata mis-*service provider* u stqarr li meta kien sabha, kienet

hadmet mal-ewwel minghajr ma kien hemm bzonn imur ghand il-Melita biex tigi konettjata.

Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2020 xehdet **Emily Galea**, rapprezentanta ta' Melita Mobile. B'referenza ghas-*SIM card* relattiva ghan-numru 77424759, ix-xhud stqarret li din il-linja kienet registrata fuq Carl Azzopardi ta' Two Three Solutions Limited, Triq in-Naxxar, Gharghur, bejn is-16 ta' Mejju 2011 u t-12 ta' Gunju 2013. Spjegat li meta servizz jigi kuntrattat permezz tal-*call centre*, ikun hemm bzonn li l-klijent jigi konsenjat is-*SIM card* b'mod fiziku. B'referenza ghal kaz, senjatament il-kontijiet ezebiti a Fol 194 – 198, ix-xhud spjegat li l-linja in kwistjoni kienet a bazi ta' kuntratt. Ix-xhud giet mitluba tipprovdi informazzjoni dwar x-*SIM card*s setghu kienu abbinati man-numru.

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2021 xehed **Wayne Cassar**. Huwa jaf lill-imputat minhabba li kienu jsiefru fuq xoghol bit-trakkijiet flimkien u gieli kien jghinu fix-xoghol ta' kiri ta' skips li kellu f'Malta. Ikkonferma li kellu xi skips mikrija ghand Gasan fl-imriehel fejn hemm ukoll l-ufficini tal-Melita. Ftakar li darba minnhom, l-imputat kien mieghu u vicin tal-iskip, kien sab basket li kien fih xi *SIM card*s godda marbuta f'mazz permezz ta' *elastic band*. Fit-triq lejn il-Maghtab, l-imputat beda jipprova jhaddem is-*SIM card*s, u fejn uhud ma hadmux, deher li wahda minnhom kellha xi kreditu u hadmet u ghalhekk kien baqa' juzaha. Wara, l-imputat kien stqarr max-xhud li kien uzaha fl-*internet key* tad-dar u baqghet tahdem.

**Ikkunsidrat**

**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[7], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, <u>bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali</u>, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu, **<u>ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'</u>**. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

---

[7] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.****"*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[8] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[9]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[10] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat"*.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[11] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course*

[8] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959
[9] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.
[10] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002
[11] deciz 5/12/1997

*it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[12]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*
>
> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*
>
> *Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghal provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid

[12] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

> *"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*
>
> *It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*
> *Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*
>
> *"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*
>
> *Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta'*

*htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f' dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg**[13] fejn gie kkunsidrat:

*"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall- konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern,*

[13] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017

*dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[14] gie kkunsidrat:

> *'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

**Ikkunsidrat**

**Principji Legali**

**L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet - Ir-reat ta' serq aggravat**

Illi l-imputat huwa akkuzat talli ikomettiet serq ta' ghad-dannu ta' Solar Solutions Ltd liema serq huwa aggravat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur, bil-persuna u bil-lok.

[14] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq, jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[15]. Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

Illi dawn huma kkonfermati fis-sentenza **Il-Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit**.[16]

Il-Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat li:

'*5. Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l- konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il-provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal- Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro".*'

L-aggravji tas-serq li bihom giet mixli l-imputat f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-mezz, tal-valur, tal-persuna, lok u x-xorta tal-haga misruqa. Dawn qed jissemmew specifikament

---

[15] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex issir access fil-post li jkun ser jinsteraq.

Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-artikolu 267 u li jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-lok jista jsir meta jsir f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li taghmel maghha.

L-aggravju tal-persuna, huwa kkunsidrat meta ssir minn mis-seftur, mistieden jew xi hadd tal-familja tieghu, lukandier, tvernar, sewwieq ta' vettura, barklor kif ukoll meta jsir minn apprendist, kumpann fix-xoghol, haddiem, profesur, artista, suldat, bahri jew impjegat iehor.

L-aggravju tax-xorta tal-haga misruqa issehh meta ssir fuq il-kwalifiki specifici mnizzla fl-artikolu 271(a)-(i).

**It-tielet u r-raba' imputazzjonijiet – Ir-reat tat-truffa u ta' lukru frawdolenti innonimata**

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Aaron Mizzi**[17] fejn inghad li

*"Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tattruffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi*

[17] Qorti ta' l-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Michael Mallia; Appell Numru 225/2014

*nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sempliċi gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.*

*Illi fl-umli fehma tal-appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx interpretazzjoni korretta tal-element ta' dolo hekk kif ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza L-Pulizija vs. Charles Zarb deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993) huwa car: Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo. (enfasi tal-esponent)."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **The Police vs Konstantin Alexander Anastasiou**[18] fejn intqal:

*For the Crime as configured under the charges of the case the following elements must subsist;*

*1. The agent must have used the means these being those mentioned in Article 308 (by means of any unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device, or pretence).*

*2. The agent's action must have led the victim to part with an object, the dispossession is with the victims consent.*

*3. There must be the intention of defrauding another with the intention of making an unjust gain.*

[18] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Consuelo Scerri Herrera; Deciza 29 ta' Settembru 2020; App Nru: 135/2018

*4. Finally an actual unjust gain must have actually been made.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs George Manicolo**[19] fejn gie ikkonfermat:

*"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-bidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f' dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji. kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici: Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali huwa kompriz u involut f' dak ikkontemplat fl-artikolu 308 ta' l-istess Kodici. Dan johrog car minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310, kif ukoll fuq l-iskorta tal-gurisprudenza in materja."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal-kaz **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra** intqal (u li sussegwentement giet ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali[20]:

*'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fissentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed jikkometti ir- reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa,*

[19] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Emeritus Patrick Vella; Deciza 31 ta' Lulju 1998
[20] Deciza 17 ta' Mejju 2012; Appell Numru 139/2011

*allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. IlQorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 talKodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'lingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h.setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, cjaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*".... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ...."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess filmenti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun*

*jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."*

*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jridjkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm lelement intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat filmument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)*

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat- truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (IlPulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : "L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del*

*carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir- reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir- reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il- Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment minnaha l-ohra."*

*Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi minghajr l-icken dubbju jirrizulta illi l-imputat bil-mezz ta' ingann u uzu ta' dokument illi huwa kien jaf ben tajjeb li kien falz irnexxielu jikseb fuel li ma kienx intitolat ghalih sabiex b'hekk huwa arrikkixxa ruhu u dana ghad-dannu tal-Water Services Corporation li spiccaw kellhom ihallsu ghal fuel li ittiehed indebitament millimputat. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza illi dana il-kaz ghandu il-fattispecje tar-reat tas-serq u dana peress illi l-imputat ma huwiex qed jiehu ad isaputa tas-sid l-oggett, izda qed jadopera mezzi u cioe' 'l hekk imsejjha artifizji sabiex jinganna u jiehu l-fuel li ma kienx intitolat ghalih. Fil-fatt fil-maggior parti taghhom jirrizulta illi l-vouchers ipprezentati millimputat kollha gew imhallsa mill-Korporazzjoni. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'lartikolu 310(1) billi jirrizulta mill-atti illi l-ammont ta' fuel li ittiehed mill-imputat kien jeccedi l-elf lira maltin jew l-ammont ta' €2329.37.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Charles Zarb**[21] fejn intqal:

*"Ghar-reat ta' truffa hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. M'huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali affermazzjonijiet, luzingi, promessi minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Kwantu jirrigwarda d-dolo, irid ikun hemm lintenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun bi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn ilkliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l- element intenzjonali ta' truffa hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Abela**[22] fejn gie spejgat l-elementi differenti bejn l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

*'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*

[21] Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Carmel A Agius; Deciza 22 ta' Frar 1993

[22] Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali; Deciza 15 ta' Dicembru 2011

*Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei:*

*'artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.'*

*Antolisei jkompli jghid pero li*

*'nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.'*

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:*

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet."*

**Il-hames imputazzjoni - Ir-reat tar-ricettazzjoni**

L-imputat tressqet akkuzat bl-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali talli:

*U aktar talli fl-istess perjodu f'Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biexitbieghhom jew imexxihom.*

Il-gurisprudenza nostrana tghallem illi l-elementi li ghandhom jigu ppruvati in sostenn tar-reat ta' ricetazzjoni huma s-segwenti:

a) L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi oggett li huwa

effetivament misruq b'qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, u

b) Tali serq, akkwistat b'qerq jew akkwistat b'mod iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe' mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricetazzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Alfred Brown**[23] gie kkunsidrat li:

*'Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s- suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il- kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ewwel (1) 11 ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l- oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-*

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar, 2015 (Appell Kriminali Numru. 352/2014)

*oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Godwin Spiteri**[24] gie kkunsidrat li:

*'Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.*[25]

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima**[26] dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat gie ritenut:

*"L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu l-oggett), izda wkoll filli dak l-oggett kien effettivament misruq, miksub qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi…"*

L-istess Qorti tikkowota l-gurista **Francesco Antolisei** li jghid:

*Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto*

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2011 (Appell Kriminali Numru: 360/2010)
[25] Ara Appell Kriminali, Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et, 16 ta' Dicembru 1998
[26] Qorti tal-Appell Kriminali, S.T.O Prim Imhallef Emeritus V. De Gaetano, Deciza 25 ta' Ottubru 2002

*esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.*

In oltre l-gurista **Manzini** jghallem illi:

*"Poiche' il denaro o le cose, che possono essero ogetto del delitto di ricetazzione, debbono provenire da un delitto, ne segue che non puo' esservi 'ricettazzione' senza che il fatto si riconnetta ad un delitto anteriore."*[27]

Il-prosekuzzjoni ghalhekk trid tipprova li l-imputata xjentement laqghat ghandha dawn l-oggetti misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat. Ma huwiex prova sal-grad rikjest mill-ligi li suspett li dawn l-oggetti setghu ttiehdu b'reat huwa bizzejjed biex jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni.

**Ikkunsidrat**
**Provi mressqin mill-prosekuzzjoni**

Fir-rapport tal-pulizija li ggib ir-referenza NPS 8/S/1824/2012[28] jirrizulta li mobajl u sim cards tal-kumpannija Solar Solutions Ltd kienu qeghdin jintuzaw minghajr l-gharfien taghhom u inhargu minn gol-mhazen taghhom minghajr permess. Saru jafu b'dan il-fatt minhabba li kienu rcevew kont kbir sabiex ihallsuh. Meta d-diretturi tal-kumpannija ghamlu l-verifiki taghhom mal-kumpannija Melita Ltd irrizulta li l-mobjal u l-sim card ma kienux registrati u peress li kien misruq talbu sabiex iwaqqfu l-linja.

[27] Trattato di Diritto Penale Italiano di Vincenzo Manzini, VOume Nono, Folio 914
[28] Folio 10-14 ta' l-atti processwali

Irrizulta li mobjal u l-sim card intuzaw ghall-uzu ta' l-internet u sabiex issiru certu telefonati mill-imputat li kien ta' sikwit jivvaggja Sqallija fuq xoghol sabiex inizzel merkanzija ghan-negozju tieghu.

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Josric Mifsud[29], WPS 100 Lorraine Grech[30] u PS 836 Joseph Vella[31] irrizulta li sar rapport lill-pulizija minhabba fatt li kien ittiehed mobajl u sim card minn go mahzen tal-kumpannija li kien qed jintuza minghajr permess mill-imputat. Wiehed mid-Direttur David Zammit kien qalilhom li dan il-mobajl u sim card kienu mahzuna gewwa l-mahzen u ghalhekk kellhom suspett li kien insterqilhom. David Zammit kien cempel dan in-numru u kien kelmu persuna li ma riedx jidentifika ruhu. Il-pulizija kkonfermaw ukoll li ghamlu l-verifiki taghhom ma Mary Grace Attard Delia u Louis Pulis li qalulhom li l-imputat kien gieli cemplilhom minn dan in-numru.

Mandankollu l-pulizija ma ressqitx quddiem il-Qorti lil David Zammit u Louis Pulis sabiex jixhdu u jikkonfermaw dawn il-fatti u ghalhekk din il-Qorti imcahhda mill-opportunita tismaghhom viva voce u tqis ix-xhieda taghha bhala provi f'din il-kawza. Dawn ix-xhieda kienu jkunu proprju dawk li kienu jservu ta' xhieda li kellhom esperjenza diretta f'dan il-kaz u, possibbilment, imparzjali. Li kieku tressqu, possibilment din il-Qorti setghet tevalwa l-provi wkoll a bazi ta' dak li raw u semghu x-xhieda u setghu iservu ta' bilanc jew kjarifika ta' kif graw l-affarijiet. Fin-nuqqas tal-pulizija li tressaq dawn ix-xhieda, dik il-parti tax-xhieda tal-pulizija li biha jaghmlu referenza ghal x'intqalilhom minn dawn in-nies tista tigi meqjusa biss bhala *hearsay evidence* li hija regolata mill-proceduri penali.

---

[29] Folio 47-52 ta' l-atti processwali
[30] Folio 154-159 ta' l-atti processwali
[31] Folio 160-163 ta' l-atti processwali

Il-pulizija spjegaw kif ghamlu diversi tentattivi sabiex jaghmlu kuntatt ma l-imputat bhala l-persuna li kienet qed tuza l-mobajl il-kwistjoni. Filwaqt li kienu qabdu lill-imputat u talbuh sabiex jirrikorri lejn l-ghassa u qatt ma mar u kien biss wara l-hrug ta' mandat t'arrest li rnexxilhom ikellmuh. Waqt tfittxija li ghamlulu ma sabux is-sim card, izda eventwalment kien urihom l-imputat fejn kien ramiha.

L-ufficjal prosekutur ikkonferma li l-imputat ma kienx haddiem jew impjegati mill-kumpannija Solar Solutions izda bhala burdnar kien jaghmel kunsinni tax-xoghol lill-kumpannija taghhom.

In-numru li kien qed jintuza sabiex kien 77424759 u filwaqt li kien anke insteraq mobajl, il-kwerelanti l-iktar li kienu inkwetati kien minhabba l-ammont tal-kont li kien tela. L-ufficjal prosekutur esebixxa s-sim card in kwistjoni kif ukoll l-komunikazzjonijiet li kienu saru minn dan in-numru bejn il-perjodu l-10 ta' Settembru 2012 u t-tnax ta' Ottubru 2012.[32] L-ufficjal prosekutur esebixxa komunikazzjoni mill-istess kumpannija tikkonferma li l-mobajl u s-sim card kienu tal-kumpannija u li kienet linja li tahdem[33] kif ukoll il-kont tal-Melita Ltd ghal-perjodu 1 ta' Ottubru – 31 ta' Ottubru 2012 li jindika li l-ammont li gie generat bin-numru tal-mobajl 77424759 li kien fl-ammont ta' erba mija u hdax il-Ewro u sitta u ghoxrin centezmi (€411.26).[34]

Mix-xhieda ta' Jesmond Farrugia[35] li huwa direttur u responsabbli ghal-operat u amministrazzjoni tal-kumpannija Solar Solutions Ltd irrizulta li fiz-zmien tar-reat gie mgharraf mit-taqsima tal-kontijiet li kien hemm mobajl bin-numru

[32] Folio 54-123 ta' l-atti processwali
[33] Dok JM4, Folio 124-125 ta' l-atti processwali
[34] Dok JM5, Folio 126 ta' l-atti processwali
[35] Folio 128-136, 164-173, 190-192, 304-310 u 315-331 ta' l-atti processwali

77424759 li kien qed itella' spejjez mhux tas-soltu u li ma kienx fil-pussess taghhom.

Ix-xhud spejga kif il-kumpannija ghandha numru ta' mobajls u sim cards li jintuzaw mill-haddiem taghhom sabiex jaqdu l-ezigenzi tal-kumpannija u l-klijenti taghhom u dan ikunu mhallsa mill-kumpannija. Illi l-mobajl ikun responsabbilta ta' l-impjegat in kwistjoni izda fir-rigward dan il-mobajl u sim card partikolari ma kienux jafu li kien insterqilhom sakemm ma bdew jircievu kontijiet gholjin. Is-sim card in kwistjoni kienet tkun merfugha fuq xkaffa hdejn il-bieb tal-mahzen u li sakemm insterqet qatt ma kienet intuzat. Ix-xhud esebixxa stima ta' l-ammont li gie ggenerat fuq in-numru 77424759.

**Ikkunsidrat**

**Il-verzjoni ta' l-imputat**

L-imputat kien gie arrest in segwitu ta' mandat ta' arrest u tfittxija li kienet inharget nhar id-19 ta' Ottubru 2021.[36] Wara li l-imputat kien arrestat u nghata d-dritt tieghu[37] ghall-avukat dan kien stqarr li ma riedx ikellem avukat qabel ma jkellmu l-ispettur.

Illi skond hekk kif imnizzel fl-okkorenza tal-pulizija, l-imputat *"qal li s-sim card kien sabha l-Maghtab u qal li kien ramiha hmistax ilu gewwa Hal-Ghaxaq."*[38] Sussegwentement, wara li l-pulizija marru fuq il-post in kwistjoni din is-sim card bis-serial number 8935677011289908939 instabghet.

[36] Folio 13 ta' l-atti processwali
[37] Skond kif kien regolat bil-ligi fis-sena 2012 u mhux skond l-izviluppi legali tal-llum
[38] Folio 14 ta' l-atti processwali

Illi l-istqarrija ta' l-imputat Michael Delia ittiehdet nhar is-17 ta' Ottubru 2021 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Josric Mifsud, fil-prezenza ta' PC 249 Michael Vella. L-istqarrija ittiehdet wara li kien inghatalu s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[39].

Id-dritt tal-jedd tal-parir legali u l-istqarrija ta' l-imputat saru t-tnejn nhar is-17 ta' Ottubru 2012 ghar-rigward ta' reati li sehhu fit-12 ta' Ottubru 2012 u t-tlett xhur ta' qabel.

Madankollu l-Qorti tosserva li skond l-okkorenza tal-pulizija l-mandat t'arrest inhareg nhar id-19 ta' Ottubru 2012 u l-imputat gie arrestat nhar il-20 ta' Ottubru 2012. Ghalhekk jekk il-Qorti jkollu timxi fuq il-kronologija ta' dawn id-dati jirrizulta li l-istqarrija ittiehdet qabel l-imputat kien gie arrestat! Filwaqt li l-Qorti (kemm kif kienet diversament ipresjeduta u kemm kif presjeduta sal-gurnata tal-llum) qatt ma nghatat spjegazzjoni tas-sekwenza ta' dawn id-dati, il-prosekuzzjoni qatt ma talbet korrezzjoni f'dawn id-dokumenti u ghalhekk il-Qorti hija rrinfaccjati b'incertezza dwar is-sekwenza ta' kif imxiet certu aspetti mill-investigazzjoni tal-pulizija.

L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija u ghazel li jwiegeb ghad-domandi li sarulu li kienu pertinenti ghall-kaz u dan wara li rrifjutat li tkellem avukat qabel l-interrogazzjoni.

L-imputat kien mistoqsi dwar kif kien qed jaghmel uzu minn sim card irregistrata f'isem haddiehor minghajr l-gharfien jew il-permess taghhom izda li kienet fil-pussess tieghu u ggenerat kont kbir.

[39]Folio 7 ta' l-atti processwali

L-imputat spejga li:

*"Jien kont qieghed il-Maghtab, gie truck b'iskip fuqu, u irbula l-iskip. Nghid li minn go dan l'iskip, waqa', basket minghalija cilest li kien fih kocc carti u meta ftahtu sibt ukoll sitt sim cards godda tal-Melita. Dawn kienu ghadhom gol-plastic. Minhom jid hadt wahda, u l'ohrajn armejthom. U wara xi tlett gimghat provajtha u hadmet."*[40]

L-imputat wkoll ikkonferma li gieli ha u uza din is-sim card barra minn Malta u cempel minnha. Ikkonferma wkoll li qabel ma kien gie arrestat kien rema din is-sim card ma l-art fejn il-cimiterju ta' Rahal Gdid. L-imputat innega li sid is-cim card kien qatt cempillu jiem qabel biex jara minn kien qed juza u irrifjuta li jghaddi d-dettalji tieghu lilu.

Finalment, l-imputat stqarr li kien lest li jaghmel tajjeb ghal l-ispejjez maghmul minhabba l-uzu minnu tas-sim card u wera dispjacir ta' dak kollu li kien gara.

**Ikkunsidrat**

**Principji legali dwar l-istqarrijiet u verzjonijiet moghottija lill-pulizija**

Fuq bazi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l- istqarrija li ġiet rilaxxata mill-imputat hiex u d-dikjarazzjonijiet ohra maghmula lill-pulizija humiex amissibbli u jistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġiet rilaxxata l-istqarrija tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrija in kwistjoni kienitx konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-

[40] Folio 8 ta' l-atti processwali

Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputat rrilaxxa l-istqarrija tieghu, huwa kien ingħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti huwa ghazel li ma juzax. Madankollu ma kien ingħatalu l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[41] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputat ġie interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[42] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

> *Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher*

---

[41] Fit-28 ta' Novembru 2016
[42] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l-possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-

sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[43] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta′ l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[44] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[45] fejn il-Qorti rriteniet:

---

[43] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.
[44] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali
[45] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[46] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*
>
> *Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta*

[46] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[47]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[48]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[49] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[50]

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[51]

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza recenti ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[52] fejn gie ikkonfermat li meta

[47] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[48] Folio 14 tas-sentenza
[49] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF
[50] Folio 25 tas-sentenza
[51] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[52] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16

issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

F'decizjoni ricenti **Morgan Onuorah v l-Avukat tal-Istat**[53] il-Qorti Kostituzzjonali stqarret li:

*"il-qrati domestici ma jistghux jippermettu li f'proceduri kriminali li ghadhom pendent jithallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bhala difett procedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-process kriminali kollu."*[54]

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Tony Curmi**[55] fejn il-Qorti riteniet:

*Din il-Qorti ghalhekk tqis li nonostante l-fatt li l-istqarrija ta' Wayne Grima ittiehdet fi zmien meta suspettat ma kienx jinghata d-dritt li jkollu Avukat prezenti waqt listqarrija u fejn setghet anke tapplika r-regola ta' inferenza fejn suspettat jaghzel li jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, jekk ma jkun irid jghid xejn jew jonqos milli jsemmi xi fatt u sussegwentement matul il-process iressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatt li ma jkunx semma matul l-interrogazzjoni, mhux biss Wayne Grima ghazel li jiguramenta l-istqarrija tieghu izda ukoll sal-lum il-gurnata ma jirrizultax jekk Wayne Grima qieghed jikkontesta l-ammissibilita' jew il-kontenut tal-istqarrija rilaxxata minnu. Ghalhekk din il-Qorti tqis li tali stqarrija ghandha tibqa' fl-atti u ghalhekk hija prova ammissibli f'kaz li Wayne Grima jixhed f'dan ilguri u tali stqarrija ma tigix kontestata minnu.*

*Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ghar-ragunijiet ikkunsidrati f'din is-sentenza, tilqa' limitatament l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat billi filwaqt li tiddikjara l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat Tony Curmi fit-23 ta' Novembru 201459*

[53] Deciza 27 ta' Jannar 2021, Qorti Kostituzzjonali, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

[54] Folio 12 tas-sentenza

[55] Qorti Kriminali; Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Att ta' Akkuza 8/2019; Deciza 9 ta' Frar 2021

*a fol 7 et sequitur tal-atti ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja bhala prova inammissibbli u ghalhekk tordna l-isfilz taghha, tiddikjara ukoll kwalunkwe referenza li saret fl-atti inkluz fil-provi u fix-xhieda ghal dak li l-akkuzat Tony Curmi seta' qal matul l-investigazzjoni u matul it-tehid tal-istqarrija minghajr ma kellu Avukat prezenti bhala ukoll inammissibli.*

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat, u tinsab konvinta li l-imputat ma kienx necessarjament ben konxju u imdorri ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija u dan minkejja li jinsabu diversi sentenzi registrati kontrih. Madankollu, hija ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess stqarrijia u ma tqishiex bħala prova f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**Ix-xhieda ta' l-imputat**

Madankollu l-imputat ghazel li b'mod volontarju jaghti x-xhieda tieghu waqt l-udjenza ta' nhar is-7 ta' Jannar 2019[56].

Fix-xhieda tieghu rega tenna dak li  kien qal fl-istqarrija u zied jghid li darba minnhom kien qed ibattal *skip* mimlija skart tal-Melita u waqghet borza fejn instabu dawn is-sim cards godda.  Sussegwentement kienu ghamlu uzu

[56] Folio 247-257 ta' l-atti processwali

minnha t-tfal tieghu u kien ramiha hdejn ic-cimiterju ta' Rahal il-Gdid. L-imputat innega li kien jaf ta' min kienu dawn is-sim cards filwaqt li kkonferma li kien isiefer biha u gieli uza. L-imputat stqarr li huwa ma kienx jaf ta' min kienet is-sim card u li kieku kien dahal go xi mahzen jisraqha kien jinqabad minn xi hadd xi CCTV's. Minn naha tieghu meta pprova juza s-sim cards ra li hadmu u peress li kienu godda ma bassarx li dawn kienu registrati fuq xi linja.

Id-difiza minn naha taghha talbet lill-prosekuzzjoni sabiex tressaq rapprezentant tal-Melita Ltd. Ir-rapprezentant tal-Melita Ltd, Dr. Emily Galea ikkonfermat fix-xhieda taghha[57] li s-sim card kien registrata fuq certu Carl Azzopardi u li din il-linja kienet attiva bejn is-16 ta' Mejju 2011 sat-12 ta' Gunju 2013 permezz ta' kuntratt.

Id-difiza ressqet ukoll lil Wayne Cassar sabiex jixhed[58] fejn ikorrobora l-verzjoni ta' l-imputat ghar-rigward ic-cirkostanzi dwar l-iskips li kienu jitbattlu minn zmien ghal zmien. Ix-xhud jghid taht gurament:

*"…. darba Michael sab basket niftakar kien zghir hekk, ma niftakarx x'kulur kien, naf li gie bih f'idu hekk, beda jqalleb go fih, qalli: 'Sibt sim card.'. Mhux wahda sab mazz hekk kienu godda u niftakar wahda kien fiha xi credit go fiha. Qalli: 'Ha nahliha.'*

….

*Godda kienu kollha niftakar. Ghadni niftakar sal-lum kienu mazz hekk godda.*

….

*Qabad jiftahhom hekk idahhalhom, kien hemm minnhom ma hadmux ramihom u wahda qalli: 'Ara din fiha xi top ups', u beda jcempel.*

…

[57] Folio 296-303 ta' l-atti processwali
[58] Folio 339-349 ta' l-atti processwali

*u kien baqa' juzaha qal.*

…

*Qalli: 'Issa nahliha u narmiha', imma mbaghad jien ma nafx x'ghamel izjed."*[59]

Ix-xhud ikkonferma li s-sim cards kienu tal-Melita ghaliex jiftakar li hemmhekk kienu jitbaghtlu skips taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi nhar id-29 ta' Ottubru 2020 l-imputat seduta stante ghadda lill-parte civile cekk fl-ammont ta' seba mija u hamsa u disghin Ewro (€795.00) lil Solar Solution Ltd u dan minghajr pregudizzju ghall-kaz tieghu u minghajr m'ghandu jigi meqjus bhala ammissjoni fil-kawza.[60]

Minn naha tieghu l-parte civile ghazel li jirrinunzja ghall-kwerela li huwa gia ghamel u ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat safejn tali azzjoni hija rinunzjabbli stante li qed jahfer lill-imputat.

M'hemmx dubju li r-reati mertu tal-hames imputazzjonijiet li bihom huwa mressaq huma kollha prosekwibbli ex officio u ghaldaqstant, mhemmx htiega tal-kwerela tal-parti leza. Madankollu, din il-Qorti sejra tikkonsidra l-mahfra u r-'rinunzja' tal-parte civile ghall-finijiet ta' piena f'kaz jekk jirrizulta htija ghal kwalunkwe imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

[59] Folio 341 ta' l-atti processwali
[60] Folio 332 ta' l-atti processwali

Illi mix-xhieda ta' l-imputat mhuiex ikkontesta li l-imputat f'certu zmien kellu fil-pussess u l-uzu tieghu sim card. Dak li rrid jigi stabillit huwa jekk dan il-pussess u uzu tas-sim card kienx rizultat ta' serq aggravat jew qerq jew ricetazzjoni minn Solar Solutions Ltd u jekk l-imputat ghamilx xi qliegh u gwadan minnha b'mens rea malizjuza.

Illi x-xhud Jesmond Farrugia hekk kif isemma aktar il-fuq esebixx stima[61] ta' l-ispejjez li tindika li l-ammont globali jital ghal elf u tnax il-Ewo u hamsa u sittin centezmu (€1,012.65) li fiha tinkorpora l-kera ta' din il-linja.[62]

Il-Qorti tosserva li l-istima tkopri l-perjodu mill-1 ta' Awissu 2012 sal-31 ta' Dicembru 2012.

L-akkuzi tal-pulizija jikopru l-perjodu mit-12 ta' Ottubru 2021 u t-tlett xhur ta' qabel. Minn din l-istima jirrizulta li mill-1 ta' Awissu 2012 sat-30 tas-Settembru 2012 il-linja ma ntuzatx u jirrizulta biss l-kera tal-linja li tispetta lill-kumpannija.

Madankollu x-xhud Jesmond Farrugia esebixxa sensiela ta' dokumenti[63] li juru uzu ta' din il-linja bejn l-10 ta' Settembru u 30 ta' Settembru 2012, izda ghal xi raguni fl-istima esebita ma jirrizultax li dan l-uzu ggenera kont.

L-ewwel uzu tal-linja, skond is-stima jirrizulta li saret f'Ottubru u m'hemm xejn x'jindika li ntuzat fix-xhur qabel ix-xhar ta' Ottubru. L-ammont ta' uzu generat f'Ottubru kollu huwa ta' erba mija u hdax il-Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€411.26). Il-prosekuzzjoni ma tistabillixiex meta dan l-ammont gie ggenerat f'Ottubru. Dan qed jinghad minhabba l-fatt li l-akkuzi tal-prosekuzzjoni

[61] Dok JF1, Folio 193 ta' l-atti processwali
[62] Vide Folio 194-198 bhala prova tal-kera ta' din il-linja
[63] Folio 199-216 ta' l-atti processwali

jirriflettu l-perjodu tat-tnax ta' Ottubru 2012 u qabel u mhux ix-xhar ta' Ottubru 2012 kollu.

Minn l-istess stima jirrizulta li mill-1 ta' Novembru 2012 sat-30 ta' Novembru 2012 kien uzu ta' din il-linja fl-ammont ta' tlett mija u tlieta u tmenin Ewro u sebgha u tlettin centezmi (€383.37). Mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li meta arrestaw lill-imputat (fl-20 ta' Ottubru 2012) din is-sim card ma kienitx fuqu, tant u hekk li urihom fejn kien ramiha u flimkien mal-pulizija marru jigbruha dak in-nhar stess.

Allura, il-mistoqsija li ssegwi hija, jekk l-imputat rema s-sim card barra u ngabret mill-pulizija f'nofs Ottubru kif gie generat kont sostanzjali iehor matul ix-xhar ta' Novembru 2012 kollu?!

Il-prosekuzzjoni f'ebda parti mill-kaz taghha ressqet xi rapprezentant mill-kumpannija Melita Ltd sabiex jixhed, jiverrifika d-dokumenti esebiti jew iressaq provi ohra sabiex jisustanzja dak li xehed id-direttur tal-kumpannija. Illi dan kien nuqqas li affettwa serjament il-kwalita u valur tal-provi li din il-Qorti setghet tezamina. Minghajr il-provi krucjali mis-*service provider* diretti din il-Qorti kienet nieqsa mill-ahhjar prova u prova krucjali sabiex tissustanzja l-kaz tal-prosekuzzjoni. Kien infatti fl-istadju tal-provi tad-difiza li talbu huma stess li jitressaq rapprezentat tal-Melita Ltd sabiex jitressqu certu provi.

Essenzjalment meta wiehed jaghsar il-provi tal-prosekuzzjoni, il-prosekuzzjoni tistrieh fuq ix-xhieda tad-direttur Jesmond Farrugia u xejn iktar. Ix-xhud David Zammit ghalkemm isemma ma tressaqx u x-xhud Louis Pulis, ghalkemm sar access ghandu minhabba d-diffikultajiet ta' sahhtu ma sarulu ebda mistoqsijiet mill-prosekuzzjoni u lanqas gie ezaminat u esebit provi li kien ircieva telefonati mill-imputat mis-sim card in kwistjoni. Il-kontijiet tal-Melita Ltd jidhru li huma

registrati fuq certu Karl Azzopardi li wkoll ma tressaqx il-Qorti sabiex jikkonferma dawn il-kontijiet u d-dokumenti li huma f'ismu u r-relazzjoni tieghu ma Solar Solutions Ltd stante li l-akkuzi juru li l-'vittma' u l-persuna guridika f'dan il-kaz huwa Solar Solutions Ltd. Il-prosekuzzjoni lanqas ressqet il-kuntratt li jistabilixxi li s-sim card kienet registrata fuq Solar Solutions Ltd jew f'isem Karl Azzopardi b'kuntratt ta' kera. L-anqas ma jirrizulta mill-provi dokument li jistabilixxi li Solar Solutions Ltd hija kumpannija registrata u kienet topera fiz-zmien tar-reat.

Jirrizulta wkoll li l-prosekuzzjoni ma ressqitx provi ohra u neccessarji sabiex tipprova li s-serq huwa aggravat. Il-prosekuzzjoni ma ressqitx provi li juru li l-ammont ta' serq ta' flus jammonta ghal seba mija u erba u disghin Ewro u tmienja u erbghin centezmi (€794.48) li saru in konnessjoni ma diversi telefonati u konnessjonijiet mal-internet u minn ebda prova ma jirrizulta kif dan l-ammont specifiku gie kkalibrat. L-anqas ma tressqu kwalunkwe provi ohrajn dwar il-kumplament ta' l-akkuzi.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-prosekuzzjoni kellha s-setgha li tressaq provi ohra li fuqhom din il-Qorti setghet tevalwa u b'hekk kien ikollha ghad-disponibilita taghha provi sabiex tkun tista tevalwa u tiddetermina l-kaz ahhjar skond il-grad rikjest mill-ligi.

Min-naha tad-difiza li ma hijiex obbligata tipprova xejn, ressqet lil-imputat jixhed li dejjem insista li s-sim card li sab kienet minn go skip u la kien jaf ta' min kienet u lanqas li kienet registrata fuq persuna. Illi dan kollu gie kkoraborat mix-xhud Wayne Cassar li kien prezenti meta nstabet is-sim card go l-iskip.

Il-Qorti għalhekk tqis li wara li l-Qorti għarblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif miġbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova il-każ tagħha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjonijiet imressqa kontra l-imputat, u sejra tagħddi sabiex ma ssibu ħati tagħhom u tilliberah minn kull ħtija u imputazzjoni.

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(d)(c)(e)(g), 263, 264, 267, 268, 269, 271, 308, 309 u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lil Michael Delia **mhux ħati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

**Mogħtija illum nhar il-21 ta' Diċembru 2021 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**
**Maġistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Reġistratur**